**1 ta' Marzu, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

Jacqueline Cassar

*versus*

Joseph Buhagiar *et*

**Danni – Inċident Awtomobilistiku – Korrimenti Personali**

*Kawża fejn l-attriċi rebħet danni konsegwenti korriment personali soffert f'inċident awtomobilistiku.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni tal-31 ta' Ottubru, 1991, li biha l-attriċi wara li ppremettiet illi fil-31 ta' Lulju, 1988, fis-1.45 p.m. f'Mistra *Road,* limiti tal-Mellieħa, waqt li kienet riekba fil-karozza ġiet investita mill-karozza numru Y – 1284, misjuqa mill-konvenut l-ieħor Joseph Buhagiar; u wara li ppremettiet li l-istess inċident stradali ġara minħabba b'negliġenza, traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ta' Charles Caruana u/jew Joseph Buhagiar jew min minnhom – inkella bi ħtija kontributorja tat-tnejn;

U wara li ppremettiet li fl-istess inċident sofriet danni fuq il-persuna konsistenti anke f'debilità permanenti, kif jirriżulta minn J. Grixti (Dokument A) u danni oħra li jiġu indikati waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u wara li ppremettiet li għall-imsemmi

inċident u għad-danni sofferti jaħtu unikament il-konvenuti Charles Caruana u Joseph Buhagiar, jew min minnhom;

U wara li ppremettiet li l-istess konvenuti interpellati biex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni naqsu li jagħmlu dan;

Talbet għaliex l-istess konvenuti ma għandhomx jgħidu għaliex din il-Qorti ma għandhiex tiddikjarahom responsabbli (anke fi gradi differenti) jew min minnhom, għall-inċident li ġara fil-31 ta' Lulju, 1988, fis-1.45 p.m., f'Mistra *Road,* limiti tal-Mellieħa, numru R – 3388 misjuqa minn Charles Caruana; tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi b'riżultat ta' l-istess inċident u tikkundanna lill-konvenuti/jew min minnhom, iħallsu lill-attriċi s-somma li tiġi hekk illikwidata. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Charles Caruana li biha eċċepixxa illi l-kolliżjoni mertu ta' din il-kawża ma ġratx tort tiegħu, iżda minħabba sewqan traskurat, negliġenti u bla kont da parti tal-konvenuti l-ieħor, Joseph Buhagiar u in oltre illi d-domandi attriċi fil-konfront tiegħu huma għal kollox infondati fil-fatt u fil-liġi u għalhekk għandhom jiġu respinti;

Rat li l-konvenut l-ieħor Joseph Buhagiar għalkemm notifikat regolarment bl-att taċ-ċitazzjoni baqa' ma għamel l-ebda opposizzjoni għad-domandi attriċi u baqa' kontumaċi;

*Omissis;*

L-inċident mertu taċ-ċitazzjoni jippreżenta ruħu bħala *head on collision* bejn żewġ karozzi mexjin fid-direzzjoni opposta f'Mistra Road, li hi t-triq li mill-Mistra tieħu lejn il-bidu tal-Mellieħa; triq li hi għat-telgħa u fiha **liwja lejn il-lemin** għal

min ikun sejjer fid-direzzjoni lejn il-Mellieħa. Triq li fis-sajf, meta ġara l-inċident, tkun traffikuża tista' tgħid il-ħin kollu;

Hemm żewġ verżjonijiet għal kollox differenti ta' kif ġara l-inċident. Iż-żewġ konvenuti jaqblu biss li ħabtu. Il-konvenut Caruana jgħid li l-kolliżjoni ġrat meta l-konvenut Buhagiar, li kien tiela' fid-direzzjoni tal-Mellieħa, iddeċieda li jissorpassa s-serbut ta' karozzi quddiemu, mar *wrong side* billi qabeż il-*whiteline* u laqtu. Mad-daqqa hu ġie mixħut lejn il-ħajt fuq-ix-xellug tiegħu u ħabat miegħu wkoll. Il-konvenut Buhagiar isostni li hu baqa' dejjem fuq is-*side* tiegħu. X'ħin wasal ftit 'l isfel mis-*centre strip*, ġie l-konvenut Caruana min-naħa tal-Mellieħa, bi *speed* qawwi. Fid-dawra, żamm il-*brakes*, il-karozza skidjat, tilef il-kontroll tagħha u daħal għal fuq il-ġemb tal-lemin tal-karozza tiegħu u spiċċa fil-ħajt;

Hu ċar li wieħed miż-żewġ konvenuti ma hux qed jgħid il-verità għax iż-żewġ verżjonijiet huma rrikonċiljabbli. Jiġi nnotat mill-ewwel li dawn huma l-verżjonijiet li ż-żewġ *drivers* taw *a tempo vergine* lill-uffiċjali tal-Pulizija li investigaw il-każ. Minn dawn iż-żewġ verżjonijiet dik tal-konvenut Caruana ġiet ikkonfermata minnu għal darba darbtejn f'dik il-kawża; dik tal-konvenut Buhagiar baqgħet ma ġiet qatt hekk ikkonfermata in kwantu baqa' kontumaċi. Dan avolja kellu opportunità li jiddefendi ruħu kemm f'din il-kawża kif ukoll f'kawża oħra b'mertu identiku fuq l-istess inċident li stitwixxa kontra tiegħu Michael Caruana u li ġiet ittrattata kontestwalment ma' din il-kawża (ċitaz. Nru. 1109/89 JSP). Dan in-nuqqas ta' interess tal-konvenut Buhagiar jitfa' rifless ikrah u qed jingħata l-piż negattiv dovut mill-Qorti, f'kawża fejn kollox jippernja ruħu fuq il-kredibilità taż-żewġ konvenuti. Għall-Qorti ġiet ippruvata biss verżjoni waħda u ċjoè dik tal-konvenut Caruana u dana in

kwantu l-verżjoni tal-konvenut Buhagiar tirriżulta biss mill-okkorrenza ta' l-inċident u mix-xiehda dwarha tal-Pulizija – xiehda li kienet *se mai* tkun korroborattiva ta' dak li jsostni Buhagiar kieku l-istess Buhagiar deher il-Qorti u xehed il-verżjoni tiegħu bil-ġurament u ssoġġetta ruħu, bħal ħaddieħor, għall-kontro-eżami tal-kontendenti l-oħra;

Ikkunsidrat:

Dan kollu qed jingħad in aġġunta ma' l-argumenti dedotti mill-abbli perit legali fir-relazzjoni tiegħu li biha akkolla wkoll ir-responsabbilità sħiħa ta' l-inċident fuq il-konvenut Buhagiar. Il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-perit legali u tifhem li l-verżjoni tal-konvenut Caruana mhux biss hi l-aktar vero-simili imma hi konfaċjenti max-xiehda espliċita ta' l-istess attriċi, mad-dokumenti eżibiti, il-konfigurazzjoni tat-triq, il-mod kif spiċċaw il-vetturi wara l-impatt u l-ħsarat fuq iż-żewġ vetturi. Din il-ħsara taqbel ma' dik il-karozza f'kurva, waqt li tkun qed tinsaq *wrong side* tikkawża meta tolqot karozza ġejja mid-direzzjoni opposta. Infatti l-ħsara fuq il-karozza tal-konvenut Buhagiar kienet fuq il-ġenb quddiem tal-lemin waqt li dik lemin fuq in-naħa ta' wara – apparti li d-daqqa fuq il-*mudguard* ta' quddiem tax-xellug li ġrat meta l-vettura daħlet fil-ħajt;

Il-Qorti hi sodisfatta l-*ispot of impact* bejn iż-żewġ vetturi ġara fuq in-naħa tat-triq tal-konvenut Caruana kif indikat fir-*rough sketch* (Dok. A.V. 4.) eżibit minn P.C. 163 Anthony Vella. Il-konvenut Buhagiar mal-Pulizija (mhux ma' l-attriċi u l-konvenut Caruana mill-ewwel) allega li l-konvenut Caruna kien nieżel bi *speed* qawwi ħafna. Ma inġiebet u ma hemm l-ebda prova f'dan ir-rigward. L-attriċi tiċħdu u l-entità tad-danni fil-vettura li kien qed isuq Caruana żgur li ma jindikax *speed*

eżaġerat. B'kollox qed tiġi llikwidata fil-kawża l-oħra fuq imsemmija s-somma modesta ta' Lm596.49 – u dana għaż-żewġ daqqiet li kellha l-Escort. Jallega wkoll li l-inċident ġara għaliex, kawża ta' l-*ispeed* eżaġerat, il-karozza tal-konvenut Caruana skidjat. Anki fuq dan ma hemm l-ebda ħjiel ta' prova u, jekk jiġi eliminat l-element ta' l-*ispeed* eċċessiv allegat, ma hemm xejn x'jindika x'seta' kkawża dan l-iskidd immaġinarju;

Il-Qorti għalhekk tikkondividi l-konklużjonijiet tal-perit legali li "għall-inċident jaħti esklussivament Joseph Buhagiar *driver* tad-Datsun numru Y – 1284 li, hu u tiela' lejn il-Mellieħa inqala' mil-linja tat-traffiku li kien isegwi, bil-konsegwenza li mar '*wrong side*', invada l-passaġġ leġittimu ta' l-Escort u ikkaġuna skontru ma' din il-*car*". Mhux ta' b'xejn l-ewwel rejazzjoni tal-konvenut Buhagiar wara l-inċident kienet li jmur fuq l-attriċi u d-*driver* Caruana u jesklama ammissjoni "Għandkom raġun! Għandkom raġun!";

Ikkunsidrat:

Qieset dwar il-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attriċi u l-Qorti taqbel mal-kalkoli, komputazzjonijiet u tnaqqis magħmula mill-abbli perit legali u b'mod partikolari fir-rigward tal-*lucrum cessans*, mal-*multiplier* użat ta' 25 sena kkunsidrata l-età żgħira ta' l-attriċi (li kellha biss tmintax-il sena), kif ukoll mal-paga bażika li fuqha saru l-konteġġi. Taqbel ukoll mal-grad ta' debilità permanenti ta' tnax fil-mija (12%) determinata mill-espert mediku li fiċ-ċirkostanzi jidher raġonevoli. Qed tiddetermina għalhekk id-danni fir-rigward tal-*lucrum cessans* fis-somma ta' ħamest elef disa' mija u disgħin lira maltija u erbgħin ċenteżmi (Lm5,990.40). Ma' dan għandu jingħadd l-ammont ta' tliet mija u tnejn u ħamsin lira maltin (Lm352)

f'*damnum emergens,* kif illikwidat u ppruvat – ukoll stabbilit mill-perit legali – f'liema ammont hu inkluż ukoll it-telf ta' xogħol irreklamat mill-attriċi. B'kollox għalhekk id-danni qed jiġu llikwidati komplessivament fl-ammont ta' sitt elef tliet mija u tnejn u erbgħin lira maltija u erbgħin ċenteżmi (Lm6,342.40);

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi u taqta' l-kawża billi prevja l-akkoljiment fl-interezz tiegħu tar-rapport peritali, tiddikjara – ukoll fil-kontumaċja tiegħu – lill-konvenut Joseph Buhagiar unikament responsabbli għall-inċident stradali riferit fl-att taċ-ċitazzjoni fuq imsemmi, liema inċident ġara ħtija tan-negliġenza, traskuraġni u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu, kif ukoll unikament responsabbli għad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attriċi u oħrajn; tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi b'riżultat ta' dan l-inċident fis-somma komplessiva ta' sitt elef, tliet mija u tnejn u erbgħin lira maltija u erbgħin ċenteżmi (Lm6,342.40); tikkundanna lill-konvenut Buhagiar iħallas lill-attriċi din is-somma li qed tiġi hekk illikwidata. F'dan is-sens tilqa' t-talbiet kollha ta' l-attriċi fir-rigward ta' l-istess konvenut Buhagiar u tiċħadhom fir-rigward tal-konvenut Charles Caruana li tiegħu tilqa' l-eċċezzjonijiet u tilliberah minn kull responsabbilità għall-inċident;

L-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-konvenut Buhagiar. Dawn jinkludu l-ispejjeż tal-konvenut Caruana in kwantu l-attriċi kienet, fiċ-ċirkostanzi pjenament ġustifikata li tħarrek liż-żewġ *drivers* involuti fl-inċident. L-imgħax ikunu dekorribbli mil-lum sa l-effettiv pagament.